MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2012

Mandat Numru. 239/2012/1

**Brava Limited, kumpanija inkorporata fil-gzejjer Cayman,**
**bin-numru ta' registrazzjoni Reg. MC182208,**
**rapprezentata mill-Avukat Anthony Galea,**
**bhala mandatarju lokali tal-istess socjeta**

**vs**
**Sakaras Holding Limited**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors tas-socjeta rikorrenti ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra s-socjeta intimata tat-23 ta' Frar 2012;

Rat ir-risposta tas-socjeta intimata tat-28 ta' Frar 2012;

Rat li fis-seduta tad-29 ta' Frar 2012 is-socjeta rikorrenti irtirat l-ewwel talba taghha;

Rat li fl-istess seduta l-Qorti laqghet provvizjorjament il-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni in kwantu ghat-tieni u tielet talbiet tas-socjeta rikorrenti;

Rat l-atti kollha u semghet is-sottomissjonijiet tad-difensuri tas-socjetajiet tal-kontendenti fis-seduta tas-26 ta' Marzu 2012 u tat-28 ta' Marzu 2012;

Rat li r-rikors thalla ghad-digriet finali.

**Ikkunsidrat**

Premess li l-ghan ta' talba ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni huwa dak li jzomm persuna milli taghmel xi haga li tista tkun ta' hsara jew pregudizzju lil parti li titlob il-hrug tal-mandat. Bil-ligi jehtieg li r-rikorrenti juri zewg hwejjeg biex ikun jisthoqqlu jikseb il-hrug ta' mandat bhal dak. L-ewwel haga li jrid juri hi li l-mandat huwa mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet pretizi mir-rikorrenti tant li bin-nuqqas ta' hrug tieghu ir-rikorrenti ser isofri pregudizzju; it-tieni haga hi li r-rikorrent ikun jidher li ghandu prima facie dawk il-jeddijiet. Dawn iz-zewg elementi huma kumulativi u mhux alternattivi u jekk xi wiehed minn dawn iz-zewg elementi ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghal hrug ta' mandat bhal dak; inoltre huma kriterji oggettivi u fl-applikazzjoni tal-ligi dwar kif u meta ghandu jinhareg mandat il-Qorti ghandha tuza interpretazzjoni restrittiva. Dan ghaliex il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni bhal kull mandat kawtelatorju isir fi zmien meta l-pretensjoni ma tkunx ghadha giet guridikament accertata u stabbilita.

Is-socjeta rikorrenti qed titlob li s-socjeta intimata tigi inibita kif gej:
ii. Bi kwalunkwe mod, direttament jew tramite terzi, il-kumpannija intimata ghandha tkun inibita milli tbiegh titrasferixxi jew taljena l-assi jew xi assi taghha u tal-kumpanniji sussidjarji taghha, kif ukoll tkun inibita milli tghabbi pizijiet ta' kwalsijasi tip u forma fuq tali assi, inkluz garanziji, ipoteki, rahan u kwalsijasi tip ta' piz iehor, kif ilkoll milli direttament jew indirettament tikkontratta, tassumi u/jew tidhol ghal obbligi finanzjarji godda;

iii. Bi kwalunkwe mod, direttament jew tramite terzi, il-kumpannija tkun inibita milli tighu kwalsijasi tip ta' decisjoni rigward is-susidjarji taghha li tkun tinvolvi jew intiza jew li jkollha l-effett li jigu trasferiti jew aljenati l-assi jew xi assi tas-sussidjarji taghha, kif ukoll decizjonijiet li jinvolvu, jkunu intizi jew li jkollhom l-effett li jaghbbu pizijiet ta' kwalsijasi tip u forma fuq tali assi, inkluz garanziji, ipoteki, rahan u kwalsijasi tip ta' piz iehor.

Is-socjeta rikorrenti tikkontendi illi hi kreditrici ta' somma konsiderevoli fil-konfront tas-socjeta intimata socjeta registrata f'Malta u illi l-istess socjeta intimata mhix f'pozizzjoni li tissalda d-debitu taghha peress illi hi insolventi u ghal dan il-ghan infatti inbdew proceduri ta' stralc quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

L-istess socjeta tikkontendi illi s-socjeta intimata hi holding company ta' diversi socjetajiet ohra registrati fl-esteru u jekk l-istess socjeta tithalla tiddisponi mill-assi taghha u dawk tas-sussidjarji taghha jew li tidhol f'obbligazzjonijiet jew pizijiet fuq l-istess assi jew tithalla tiehu decizjonijiet kemm bhala holding company jew tramite s-sussidjarji li jistghu jgibu l-effett li jaljenaw l-assi jew li jghabbu pizijiet, dan ser jikrea dannu irrimedjabbli lis-socjeta rikorrenti.

Is-socjeta intimata qed tilqa' billi tallega li mhix il-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri ghaliex qed jigi allegat illi l-lanjanzi tas-socjeta rikorrenti huma immirati lejn direttur partikolari tas-socjeta intimata.

Din il-Qorti tqis li din l-eccezzjoni ma fihiex mertu. Il-kreditu hu kontra s-socjeta intimata u l-inibizzjoni qed jintalab kontriha. Hi s-socjeta intimata l-legittimu kontradittur. Hu minnu illi fir-rikors tas-socjeta rikorrenti issemma direttur partikolari tas-socjeta intimata li agixxa f'isem is-socjeta intimata minghajr awtorizzazzjoni tal-Bord tad-Diretturi izda l-kwistjoni mhix dwar dan id-direttur izda dwar l-operat tas-socjeta intimata, debitrici tas-socjeta rikorrenti.

Is-socjeta intimata tikkontendi wkoll illi stante li hemm proceduri ta' stralc pendenti, dawn il-proceduri huma frivoli

u vessatorji. Lanqas dwar dan ma taqbel il-Qorti u dan peress illi fil-mori ta’ dawn il-proceduri, l-istess socjeta intimata rrikorriet quddiem il-Qorti biex twaqqaf il-proceduri ta’ stralc permezz ta’ proceduri ta’ rkupru pero din it-talba giet respinta minn din il-Qorti diversament presjeduta bi provvediment fis-27 ta’ Marzu 2012. Inoltre fl-istess proceduri ta’ stralc, il-process ghadu fi stat bikri u sallum ghadu ma gie nominat ebda amministratur provvizjorju jew likwidatur. Ghalhekk din il-procedura presenti ma tistax titqies frivola jew vessatorja.

Is-socjeta intimata tikkontendi wkoll illi ma jezistix l-element ghall-hrug tal-mandat ta’ inibizzjoni.

Dwar dan jig rilevat illi s-socjeta rikorrenti hi obbligata tipprova prima facie dritt. Dan id-dritt prima facie jikkonsisti, kuntrarjament ghal dak sottomess mis-socjeta intimata, mhux minn abbuz ta’ dritt biex jigi mxekkel l-operat skond il-ligi tas-socjeta intimata izda d-dritt jinsorgi minn kreditu ta’ oltre US Dollars 30,000,000 liema debitu ma thallasx nonostante transazzjoni biex il-hlas lura tad-debitu jigi ristruturat u nonostane bejgh ta’ assi principali tal-kumpaniji sussidjarji tas-socjeta intimata.

Dan jirrizulta mix-xiehda riprodotta fil-provvediment imsemmi tas-27 ta’ Marzu 2012 per Imhallef Joseph Zammit Mckeon.

Dik l-istess Qorti kompliet billi ziedet illi l-pjan ta’ rkupru propost mis-socjeta intimata in oppozizzjoni ghal proceduri ta’ stralc minhabba allegat insolvenza, ma kienx wiehed tali li ser iwassal biex is-socjeta intimata tirkupra. Il-Qorti tislet dak li qalet il-Qorti fl-imsemmi provvediment:
Din il-Qorti sejra tillimita ruhha ghal dawn l-osservazzjonijiet. Dan mhuwiex kaz fejn ghax kienet sejra hazin u ghax kellha aktar djun milli dhul, il-bord taddiretturi ppropona rescue plan ghall-kumpannija. Xejn minn dan. Anzi s-sitwazzjoni tant kienet iddisprata u lkumpannija kienet diga` in default illi kien deciz illi jinbiegh id-distribution business. Gara pero` illi billi t-tmexxija tal-kumpannija kienet nieqsa ghal kollox minn strategija almenu fil-medium term ippermettiet illi r-rikavat tal-bejgh

imur biex jithallas id-dejn tas-sussidjarji mhux tal-holding company. Dan l-izball ta` gudizzju fl-aghar ipotesi jixhed tentattiv volut biex il-kreditu ta` Brava u GMFI jibqa` sospiz jew fl-ahjar ipotesi juri nuqqas grossolan ta` gharfien tal-qaghda finanzjarja tas-sussidjarji.

Meta din il-Qorti tara dan u dak li ntqal oltre, mill-Qorti fl-istess provvediment, tqis illi jekk is-socjeta intimata, pendenti provvedimenti ad hoc fil-proceduri ta’ stralc, tithalla mano libera biex tiddisponi u timmanuvra bla xkiel, is-socjeta rikorrenti tista’ ssib ruhha li l-pregudizzju li gia sofriet isir wiehed irrimedjabbli jekk is-sitwazzjoni finanzjarja tas-socjeta intimata u l-involviment dirett u shih li ghandha fis-sussidjarji taghha jibqghu mhux imrazzna.

Dan hu preciz l-iskop tat-talba ghal hrug tal-mandat ta’ inibizzjoni fejn parti li ghandha dritt, anki jekk wiehed prima facie, ma tigix protetta f’dak id-dritt f’sitwazzjoni fejn, sakemm jittiehdu proceduri fis-sustanza u mertu tad-dritt, l-istess dritt jista’ jigi stultifikat jekk ma jigix salvagwardat.

Ghalhekk din il-Qorti qed tikkonferma d-digriet provvizorju taghha tad-29 ta’ Frar 2012 u tilqa’ t-talba tas-socjeta rikorrenti ghal hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni kontra s-socjeta intimata kif mitlub mill-istess socjeta rikorrenti f’paragrafi (ii) u (iii) tar-rikors taghha tat-23 ta’ Frar 2012.

L-ispejjez jithallsu mis-socjeta intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------